MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 47/2008

Louise armla ta’ Savour Camilleri u

Christian Camilleri kemm f’ismu proprju
U kemm bħala kuratur u leġittimu
Rappreżentant tal-assenti minuri
Hannah, Beth u Sam ulied il-mejjet
Ivan Camilleri,

Joseph Camilleri u

Dottor Bernardine sive Nadine Delicata.

vs

Michele Camilleri
U b’degriet tat-23 ta’ Frar, 2010,
Dr. Jean Paul Grech ġie nominat bħala
Kuratur tal-wirt ġjaċenti tal-mejjet
Michele Camilleri;

George Spiteri u Grace mart Lawrence Galea,
Francesca mart Joseph Saliba,
Josephine mart Carmelo Micallef,
Jane mart5 Eucharist Grech, u
Miriam mart Frank Saliba.

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat ta' l-atturi li permezz tiegħu, wara li ppremettew illi:

1. Illi f'April tas-sena 1987, żewġ l-esponenti Saviour Camilleri, li jiġi wkoll missier l-atturi l-oħra minbarra l-aħwa Hannan, Beth u Sam (li tagħhom jigi n-nannu paternu) kien istitwixxa kawża quddiem dina l-Onorabbli Qorti kontra l-konvenuti Michele Camilleri fejn talab il-likwidazzjoni u kundanna ta' ħlas ta' serviġi reżi mill-istess Saviour Camilleri lill-konvenut Michele Camilleri kemm personalment kif ukoll fil-kwalita' tiegħu ta' eredi tal-mejta Patrizia Camilleri oħt l-imsemmi konvenut Michele Camilleri (ċitazzjoni numru 66/1987 DM "Saviour Camilleri –vs- Michele Camilleri);

2. Illi fil-mori tal-kawża l-istess konvenut beda jittrasferixxi b'titolu gratwitu b'kull titolu ieħor a favur tal-konvenut George Spiteri u mart Maria Antonia li tiġi oħt il-konvenut Michele Camilleri u omm il-konvenuti l-oħra b'tali mod li jiġi assikurat li kwalunkwe kreditu eventwalment riżultanti favur l-attur f'dik il-kawża jiġi eluż billi d-debitur ma jkunx aktar solvibbli. Dan kollu jista' jirriżulta mir-riċerki li għamlu l-esponenti tat-trasferimenti li saru mill-konvenut Michele Camilleri.

3. Illi konfrontat b'sitwazzjoni fejn id-debitur kien qed jittrasferixxi l-proprjeta' tiegħu lil terzi li kienu jiġu minnu u li magħhom mar jabita l-imsemmi Saviour Camilleri istitwixxa mandat ta' inibizzjoni fejn wara li ppremetta li "intimat ma għandu ebda introjtu ċert għajr l-għajnuna soċjali u l-uniku garanzija għal ħlas effettiv hija l-proprjeta' immobbiljari appartenenti lilu". L-istess Saviour Camilleri spjega li kellu suspett fondat illi l-intimat kien qiegħed ibiegħ u jiddisponi mill-immobbli kollha, proprjeta' tiegħu bi preġudizzju għad-drittijiet tar-rikorrenti talab il-

ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex l-intimat jiġi inibit milli jiddisponi jew jittrasferixxi d-drittijiet immobbiljari li ġew indikati f'dokument anness mal-imsemmi favur terzi .

4. Illi bid-degriet tagħha tat-30 ta' Lulju 1987 dina l-Onorabbli Qorti, mogħti fl-atti tal-Mandat numru 134/87, dina l-Onorabbli Qorti ċaħdet it-talba għal ħruġ tal-Mandat u dana peress li kif qalet din l-istess Qorti:-

"peress illi kif jirriżulta fl-istess rikors ġia hemm proċeduri mexjin quddiem din il-Qorti u għalhekk il-jeddijiet tar-rikorrenti ġia jinsabu kawtelati u jistgħu jsiru l-provvedimenti opportuni f'dawk l-atti; u peress li l-Mandat m'huwiex neċessarju biex jiġu mħarsa d-drittijiet tar-rikorrenti" (sic).

5. Illi jidher ċar li ċ-ċaħda ta' dan il-Mandat tal-'mano libera' lill-konvenut Michele Camilleri sabiex ikompli jittrasferixxi favur oħtu, r-raġel tagħha u uliedhom il-proprjeta' kollha li kellu f'tali mod li llum ma baqgħalu ebda proprjeta' immobbiljarja.

6. Illi fil-mori ta' dik il-kawża kien miet l-attur Saviour Camilleri u ċioe' fis-16 ta' Settembru 1997 il-wirt tiegħu għadda favur l-atturi f'dik il-kawża.

7. Peress b'sentenza tas-27 ta' Gunju 2007 mogħtija fil-kawża Citazzjoni Numru 66/1987 (Pc) fl-ismijiet "Saviour Camilleri –vs- Michele Camilleri" liema sentenza għaddiet in ġudikat, ġiet likwidata favur l-attur u allura favur l-atturi odjerni, s-somma ta' ħamest elef lira maltin (Lm5,000) ekwivalenti għal € 11646.87 (ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin euro ċenteżmu) iżda l-atturi sabu ruħhom li ma jistgħux jesegwixxu kontra l-konvenut Michele Camilleri peress li dan ma baqgħalu ebda proprjeta' mobbli jew immobbli fuq liema tista' tiġi esegwita l-im semmija sentenza.

8. Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tal-wieħed u tletin (31) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u disgħin (1990) il-konvenut Michele Camilleri assenja u ttrasferixxa b'titolu ta' 'datio in

solutium' favur il-konvenut l-ieħor George Spiteri u martu omm il-konvenuti l-oħra aħwa Spiteri, porzjon diviża mir-raba "Ta' Diegu" fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex tal-kejl ta' ċirka għaxart elef ħames mija u tmienja u sittin punt deċimali u ħamsa metri kwadri (10568.5m.k.) u tmiss mill-punent in parti ma' Triq il-Lampuk u in parti ma' Wind Street, lvan t ma' beni ta' Joseph Buttigieg u nofsinhar ma' beni ta' Maria Cini u Salvu Saliba jew aventi kawża minnhom libera u franka .

9. Illi l-imsemmi trasferiment mill-konvenut Michele Camilleri favur tal-konvenut l-ieħor George Spiteri u martu Maria Antonia Spiteri, omm il-konvenuti l-oħra sar b'qerq mid-debitur bi ħsara tal-jeddijiet tal-imsemmi Saviour Camilleri jew aħjar l-atturi odjerni.

Talbu lil din il-Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċidi fl-interess ta' l-atturi illi l-imsemmija assenjazzjoni u trasferiment tal-art "ta' Diegu" fuq deskritta bħala magħmul b'qerq u bi ħsara tal-jeddijiet tal-atturi u għalhekk null u bla effett.

2. Konsegwentement tiddikjara l-istess art "Ta' Diegu" fuq imsemmija għadu proprjeta' u f'idejn il-konvenut Michele Camilleri.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta ġuramentata tal-konvenuti li biha eċċepiet illi:

i. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt;

ii. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament huwa sottomess li l-azzjoni odjerna hija perenta a tenur ta' l-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-premess huwa sottomess li m'huwiex minnu li l-att tal-31 ta' Awwissu 1990 atti Nutar Paul George Pisani jikkonsisti

fi trasferiment gratuwitu ta’ proprjeta’ iżda fil-verita’ jikkonsisti fi trasferiment ta’ proprjeta’ b’kumpens għal serviġi reżi u dank if jirriżulta mill-kontenut ta’ l-istess kuntratt, kif ukoll kuntratti oħra preċedenti għall-istess.

iv. Illi fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għall-premess ukoll, huwa sottomess li l-att impunjat f’din il-kawża ma kien jinvolvi l-ebda frodi. Dan għaliex ħadd mill-partijiet fuq l-istess att ma kellu interess, ħsieb jew intenzjoni li jiddefrawda d-drittijiet ta’ l-atturi;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

Rat il-verbal tagħha ta' l-4 ta' Mejju 2010 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 1222(1) tal-Kap. 16.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar din l-eċċezzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni preliminari tagħhom il-konvenuti qed jikkontendu illi l-azzjoni ta' l-atturi hija perenta billi din ma saritx fit-terminu stabilit fl-artikolu 1222(1) tal-Kap. 16. Dan is-subartikolu jistipula illi: "**Meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexissjoni minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' eta', taqa' bil-preskrizzjoni għeluq sentejn**."

Fil-każ in eżami l-atturi qed jippretendu illi bit-trasferiment tal-proprjeta' deskritta fir-Rikors ġuramentat tagħhom mill-konvenut Michele Camilleri lill-konvenuti l-oħra, ġew leżi d-drittijiet tagħhom bħala kredituri ta' l-istess Michele Camilleri għal serviġi li huma kienu rrendewlu. Dan għaliex, per konsegwenza ta' l-istess trasferiment, ma fadlilhomx mnejn jistgħu jitħallsu għal dawn is-serviġi. Għalhekk talbu lil din il-Qorti tiddikjara li:

(i) l-assenjazzjoni ta' l-art deskritta fir-Rikors ġuramentat tagħhom mill-konvenut Michele Camilleri lill-konvenuti l-oħra ġiet magħmula b'qerq u bi ħsara għall-jeddijiet tagħhom u għalhekk hija nulla u bla effett, u

(ii) konsegwentement li l-istess art għadha proprjeta' u f'idejn il-konvenut Michele Camilleri.

Il-konvenuti jikkontendu illi l-atturi ma eżerċitawx l-*actio pauliana* kontemplata fl-artikolu 1144 tal-Kap. 16 u dan għaliex, minkejja li fir-Rikors ġuramentat tagħhom l-atturi stess jammettu illi l-konvenut Michele Camilleri għamel diversi atti li bihom huwa ddispona mill-beni tiegħu bi preġudizzju għad-drittijiet tagħhom li jiġu kkompensati għas-serviġi li kienu rrendewlu, huma għażlu li jikkontestaw biss wieħed minn dawn l-atti, u ċioe' il-kuntratt indikat fl-istess Rikors ġuramentat tagħhom. Fil-fehma tagħhom l-atturi, jekk riedu jagħmlu l-*actio pauliana*, kellhom għalhekk jikkontestaw dawn l-atti kollha u mhux jagħżlu wieħed minnhom biss. Dan għaliex il-liġi f'dan l-artikolu issemmi l-kelma "**atti**" u mhux "att". Dan, ikomplu jargumentaw il-konvenuti, jġib il-konsegwenza illi l-atturi qegħdin minflok jitolbu r-rexxissjoni ta' att a tenur allura ta' l-artikoli 1209 - 1231 tal-Kodiċi Ċivili. Il-kuntratt li qed jiġi kontestat sar fil-31 ta' Awwissu 1990 u allura ferm qabel il-perijodu ta' sentejn stabilit fl-artikolu 1222(1) tal-kap. 16 biex tintalab tali rexxissjoni, u allura l-azzjoni odjerna tinsab preskritta.

Imma kif ġia kellha okkażżjoni tirrileva din il-Qorti, kif ippreseduta, r-rexxissjoni tista' tintalab biss minn xi ħadd mill-partijiet għal dik l-obbligazzjoni u mhux ukoll minn terzi. Infatti ġie ribadit fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Jannar 2010 fil-kawża fl-ismijiet: "***Raymond Debrincat et noe. vs Angelo Cefai et noe***." (Cit. nru. 51/1991) illi:

" Fid-dottrina legali din l-azzjoni ġiet imfissra bil-mod segwenti: " *L'azione di nullita' o rescessione e' il mezzo giuridico concesso al contraente, di liberarsi dagli effetti pregiudicevoli dell'assunta obbligazione ottenendo l'annullamento, o rescissione che dir si voglia. E' un rimedio, che ha per necessario presupposti uno stato*

*giuridico, ovvero una obbligazione riconosciuta dal diritto civile, sebbene imperfetta. E differisce da ogni altro mezzo, con cui s'impugna un mero stato di fatto derivante da un titolo, che non ha partorito veruna obbligazione riconosciuta civilmente, quantunque abbia dato causa agli effetti con-naturali della obbligazione inutilmente presupposta dal titolo nullo."* [1]

Sabiex tirnexxi kawza bhal din iridu jikkonkorru tliet kundizzjonijiet: "*Affinche l'azione rescissoria possa dirsi esercitata utilmente, si richiede il concorso cumulativo di tre condizioni: (a) che l'obbligazione sia invalida; (b**) che la rescissione venga domandata da quel contraente, che ha il diritto di prevalersene**; (c) che non sia scorso il tempo assegnato dalla legge, o non sia intervenuta la rinuncia preventiva."* [2]

Huwa mal-ewwel evidenti għalhekk mit-tieni kundizzjoni meħtieġa f'kawża ta' nullita', illi din tista' tiġi perċepita biss minn xi ħadd mill-partijiet kontraenti u mhux ukoll minn terzi. "*L'azione di nullita' o rescissione e' il mezzo giuridico concesso al **contraente**, che si obbligo' invalidamente o fu leso dal contratto, di liberarsi dagli effetti pregudicevoli dell'assunta obbligazione ottenendone l'annulamneto, o rescissione che dir si voglia.*[3] *…Quel **solo contraente** che stipulo' senza capacita' sufficente, o il consenso del quale fu viziato da errore, o violenza, o dolo, puo' fare pronunciare la nullita'*." [4]

L-atturi preżenti kienu terzi għall-kuntratt in kwistjoni u allura, skond dan it-tagħlim, żgur li ma setgħux jitolbu r-rexxissjoni ta' dan il-kuntratt. Mhux l-istess pero' għal min jitlob ir-revoka billi: "*Cosi' non potra' valersi di tale azione (* ta' rexxissjoni*) chi non e' parte in un contratto ed intende far annulare questo per simulazione o dolo; a lui sara'*

---

[1] Giorgio Giorgi : Teoria Delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano 7ma. ed. vol. VIII para. 146 pag. 246 .
[2] ibid.. para. 149 pag. 251 .
[3] ibid. para 146 pag. 246 .
[4] ibid. para. 156 .

*concesso un'azione di annulamento, ma questa non sara rescissoria."* [5]

Huwa magħruf illi sabiex tiġi esperita l-*actio pauliana* jew revokatorja huma meħtieġa:

*i. **un atto di disposizione**, ossia un atto con il quale il debitore modifica la sua situazione patrimoniale, o trasferendo ad altri un diritto che gli appartiene… o assumendo un obbligo nuovo, o costituendo diritti… a favore di altri su suoi beni*

*ii. l-**'eventus damni'**, ossia un pregudizio per il creditore, consistente nel fatto che, come conseguenza dell'atto di disposizione compiuto, il patrimonio del debitore divenga insufficiente a soddisfare tutti i creditori, ovvero, venga ad essere composto in modo tale da rendere piu' difficile il sodisfacimento coattivo del credito. …*

iii. *Il **'consilium fraudis'**, ossia la conoscenza del pregiudizio che l'atto arreca alle regioni del creditore…"*. [6]

Imkien ma qatt issemma, la fid-dottrina u lanqas fil-ġurisprudenza, illi l-kreditur irid jattakka l-atti **kollha** magħmula mid-debitur bi frodi għad-drittijiet tiegħu, kif qed jippretendu l-konvenuti, u nfatti teżisti raġuni validissima għaliex dan ma hux meħtieġ. Ġie nfatti mgħallem illi: "*L'oggetto della pauliana e' di toglier efficacia all'atto fraudolente rimpetto all'attore instante e nella misura del pregudizio sofferto. In tali limiti l'atto si annulla. Ha avuto esistenza giuridica, ma la decisione del giudice gli toglie ogni vigore per quella parte che e' necessaria a salvare le ragioni del creditore attore. Il creditore vittorioso riterra' come nullo, inesistente, l'atto compiuto in frode delle sue ragioni e procedera' sul patrimonio del debitore senza cura avere d'un atto che per lui la sentenza dell'Autorita' giudiziaria ha ridotto in cenere. Continua il negozio ad*

[5] Digesto Italiano vol. XVI, voce "Nullita' o Rescissione (azione di)" para. 38 pag. 545 .
[6] A.Torrente : Manuale di Diritto Privato : 8va ed. para. 279 pag. 455 .

*avere ogni effetto tra debitore e terzo, come l'avea prima; ma non rimpetto al creditore instante. L'atto non e' rescisso erga omnes, ne' per intero; e annullato rispetto al creditore che promuove l'azione* ( u għalhekk il-liġi fl-artikolu 1144 tal-kap. 16 tgħid li kreditur **f'ismu** jista' jattakka l-atti tad-debitur) *e nella misura del suo interesse giuridico. Non appena le ragioni del creditore instante sono sodisfatte, l'atto ripiglia il suo vigore anche di fronte a lui, come gia' lo aveva rispetto alle altre parti…*" [7]

Dan ifisser illi kemm-il darba l-atturi għad jingħataw raġun fil-pretensjonijiet tagħhom, huma jkunu jistgħu jesegwixxu l-kreditu tagħhom fuq il-proprjeta' in kwistjoni, bħal li kieku din għadha tappartjeni lill-assi tal-konvenut Michele Camilleri (illum l-eredita' tiegħu billi dan miet fil-mori tal-kawża) u dana minkejja li din tinsab f'idejn terzi. Madankollu ġialadarba dan il-kreditu jiġi sodisfatt, it-terzi jiġu maħlula minn kwalunkwe obbligu ieħor, u jkunu jistgħu liberament jiddisponu mill-istess proprjeta' daqs kull possessur ieħor. Ikun għalhekk għal kollox superfluwu li jiġu attakkati l-atti kollha magħmula mid-debitur, kemm-il darba l-kreditur jidhirlu li r-revoka ta' att wieħed jista' jissodisfa l-pretensjoni tiegħu.

Għal dawn il-motivi, u peress illi ġie deċiż illi l-preskrizzjoni taħt l-artiklu 1222 (1) tal-Kap. 16 mhix applikabbli għall-każ in eżami, tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti, bl-ispejjeż relattivi kontra l-istess konvenuti, u tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[7] Digesto Italiano : vol.XVIII. pte. I voce Pauliana (azione) para. 30 pag. 1060 .